MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Numru. 324/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**- OMISSIS -**
**SEAN GRECH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha - omissis -

u

Sean Grech ta’ 19-il sena iben Joseph u Antonia nee’ Stivala, imwieled il-Pieta’ nhar it-03 ta’ Frar, 1990 u

residenti gewwa 94, Triq Matty Grima, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 81790(m)

Gew akkuzati:

Talli nhar l-04 ta' Marzu 2009, ghall-habta ta' 02:00hrs, minn mal-faccata tar-residenza numru 68 RioRita, Triq il-Belt Valletta, Rahal il-Gdid, ikkommettew serq ta' apparat tas-CCTV, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin u dan ghad-detriment ta' Joseph u Francesca Bonnici u/jew persuni ohra.

-omissis-

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.
Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. KA9 u nnutat li l-imputat Sean Grech m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Sean Grech iddikjara li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Sean Grech bl-aktar mod solenni riqward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Sean Grech wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat Sean Grech iddikjara li qieghed jobbliga ruhu li fi zmien xahar millum ihallas lill parte civile is-somma ta' €30 rigward dan il-kaz.

Rat l-artikoli 261 (b) u (f), 263, 270 u 278 (2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Sean Grech, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat Sean Grech iddikjara li qieghed jobbliga ruhu li fi

zmien xahar millum ihallas lill parte civile is-somma ta' €30 rigward dan il-kaz, tillibera lill-imputat Sean Grech taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imputat Sean Grech ghall-piena ta' mitejn u hamsin Euro (Euro 250) multa.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Sean Grech l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------